MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## ANTON DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 81/2000/2

**Tamarac Limited**

**vs**

**Angela Simmonds**

Il-Qorti,

Rat ir-rikorsipprezentat quddiemha illi permezz tieghu l-intimata Angela Simmonds, wara illi ppremettiet illi b'rikors ipprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera s-socjetà rikorrenti Tamarac Limited, wara illi prremettiet illi hija tikri lill-intimata l-fond numru 33, maghruf bhala Palazzo Castro, f'Castro Street, Naxxar, u dan versu l-kera ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fis-sena, jithallas kull tliet xhur bil-quddiem, prossima skadenza fl-1 ta' Lulju 2000; illi l-intimata ilha ghal bosta snin ma tokkupa l-imsemmi fond u dan in-*non uso* jikkostitwixxi kambjament tad-

destinazzjoni; illi inoltre l-intimata kisret il-kondizzjonijiet tal-kera billi naqset tmanti l-istess fond; u illi wkoll il-fond fih hsarat konsiderevoli u thalla zdingat u fi stat ta' totali abbandun; talbet sabiex dak il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi pussess tal-fond *de quo* u jimponi terminu qasir u perentorju lill-istess intimata ghall-fini ta' l-izgumbrament taghha u ghall-konsenja tac-cwievet; bl-ispejjez kontra l-intimata; illi l-intimata eccepiet: 1. illi preliminarjament hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà rikorrenti stante li hi kriet il-fond in kwistjoni minghand terzi; 2. illi bla pregudizzju ghas-suespost il-meritu ta' dan ir-rikors gie deciz *res judicata* f'rikors iehor fl-istess ismijiet bin-numri 50B/86, li gie deciz minn dina l-Qorti fit-2 ta' Gunju 2000; 3. illi t-talba tas-socjetà rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimata qeghda tokkupa l-fond in kwistjoni; 4. illi bla pregudizzju ghas-suespost l-istat li qieghed fih il-fond in kwistjoni gej mill-illegalità, l-abbuz u vjolenza tas-sidien meta qafluha barra mill-post u damet hames snin qabel irnexxielha terga' tiehu c-cwievet bil-Qorti; fil-frattemp minhabba l-htija tas-sidien, il-post kien zdinga; is-sidien ma jistghu qatt jiehdu vantagg mill-att abuziv u illegali taghhom; illi bis-sahha ta' sentenza tal-Bord tal-Kera (*sic*) tas-27 ta' Settembru 2001 billi l-Bord ser jilqa t-talba fuq l-ewwel kawzali m'hemmx htiega li jidhol fl-ohrajn; illi l-intimata appellat minn dina d-decizzjoni, liema appell gie michud minn dina l-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2003; illi l-konvenut (*sic*) qed jinvoka l-effett ta' l-Artikolu 811(l) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dan specifikatament b'referenza ghal dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti qalet: illi l-aggravji ta' l-intimata appellanti kontra s-sentenza fil-meritu tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-27 ta' Settembru, 2001 huma s-segwenti: 1. Illi, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, "… l-esponent (*sic*) ma inghatatx l-opportunità li tressaq il-provi taghha, kif titlob il-ligi …"; 2. Illi l-konkluzjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera illi l-appellanti ma tghix fil-fond in kwistjoni u illi b'hekk abbandunatu hija zbaljata; Illi l-ewwel aggravju ftit li xejn jimmerita konsiderazzjoni. Minn ezami, anke l-aktar hafif, ta' l-atti processwali quddiem il-Bord, jirrizulta illi l-Bord ta lill-intimata l-opportunità mehtiega sabiex tressaq il-provi taghha u illi hija ma nqdietx b'din l-opportunità. F'dan ir-rigward, huwa sufficjenti illi ssir

riferenza ghas-segwenti: (i) illi mill-verbal ta' l-udjenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2001 jirrizulta illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-tnax (12) ta' Gunju, 2001; (ii) illi b'digriet tal-hamsa (5) ta' Gunju, 2001 il-Bord laqgha t-talba ta' l-intimata ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u qal testwalment: "… b'dan li fis-seduta li jmiss [dik tat-12 ta' Gunju, 2001] jingiebu l-provi kollha li fadal"; (iii) illi waqt l-udjenza tat-12 ta' Gunju, 2001 la dehret l-intimata u lanqas deher id-difensur taghha u l-kawza regghet giet differita ghas-sentenza ghat-tnax (12) ta' Lulju, 2001; Illi, sabiex jinxehet dawl fuq kemm l-intimata uriet interess f'din il-kawza, tajjeb illi jigi rilevat illi fis-seduti mizmuma minn dina l-Qorti fil-pendenza ta' dan l-appell l-intimata ma dehret qatt u d-difensur taghha la deher fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar, 2003 u anqas deher fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 2003 meta l-appell gie differit ghal-lum ghas-sentenza; Illi, ghalhekk, l-ewwel (1) aggravju ta' l-intimata kontra s-entenza fil-meritu mhux fondat; illi fil-fatt dan il-fatt mhux minnu stante li l-avukat sottofirmat u d-difensur ta' l-intimata dejjem deher izda li kien jigri hu li kien jigi nformat li l-kawza digà saret; l-interess ta' l-intimata tidher (*sic*) f'din il-kawza peress li dejjem kien hemm kif jixhed fir-rikorsi ghall-prolazzjoni ta' sentenza fl-atti ta' din il-kawza, haga li l-Qorti zbaljatament hadet in konsiderazzjoni fid-decizzjoni taghha; illi b'hekk il-Qorti erronejament hadet in konsiderazzjoni fatt li ma sehhietx (*sic*) u l-fatt kien il-kontra ghaliex l-avukat difensur ta' l-intimat (*sic*) dejjem deher u dejjem ipprova jaghmel is-sottomissjonijiet; talbet illi dina l-Qorti, previa okkorrendo illi hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-istess kawza skond il-ligi, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza numru 81/00 B, fl-ismijiet *Tamarac Limited - v - Angela Simonds* deciza finalment minn dina l-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2003, tordna r-revoka u thassir tal-istess sentenza jew dawk il-kapijiet jew porzjonijiet taghha illi jigu identifikati appozitament minn dina l-Qorti, u tordna illi l-istess kawza tinstema mill-gdid fil-gurnata illi tigi fissata ghal dan l-iskop mill-Qorti;

Rat ir-risposta tas-socjetà Tamarac Limited illi peremzz taghha qalet hekk:

"Illi preliminarjament il-proceduri intentati tar-ritrattazzjoni huma nulli ghaliex huma *fuori termine* stante illi dawn gewipprezentati oltre t-terminu ta' tlett xhur koncess taht l-Artikolu 813 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Proceduri [*sic*] Civili.
Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, ir-raguni ghaliex Angela Simmonds qieghda titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza hija totalment infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. L-aggravju sottomess huwa simili hafna ghall-argumenti minnha mressqa meta pprezentat ir-rikors tal-appell u ghalhekk m'hemm l-ebda fatt gdid li ma giex debitament konsidrat quddiem din l-Onorabbli Qorti.
Illi inoltre, ta' min jirrileva illi waqt il-proceduri tal-appell, l-appellanti u l-avukat difensur taghha la qatt dehru jew ipprezentaw ruhhom waqt is-smiegh tal-kawza. Ma gie pprezentat l-ebda rikors ghall-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Fil-mori tal-kawza ma gie pprezentat l-ebda rikors sabiex il-verbali tad-differimenti jigu b'xi mod varjati jew kkoregguti u ghalhekk dawn illum il-gurnata jaghmlu stat.
Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti bir-rispett illi r-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Angela Simmonds ghandu jigi michud bl-ispejjez."

Ezaminat l-att tal-process;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' l-eccezzjoni preliminari taghha s-socjetà ritrattata Tamarac Limited qed tissottometti illi l-azzjoni odjerna hija nulla perress illi ma gietx intavolata *entro* "… t-terminu ta' tlett xhur koncess taht l-Artikolu 813 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Proceduri (*sic*) Civili";

Illi m'hemmx dubju illi r-riferenza ghall-artikolu 813 tal-Kap. 12 f'din l-eccezzjoni saret b'*lapsus*; din ir-riferenza kellha tkun ghall-artikolu 818 tal-Kap.12 u dina l-Qorti sejra tittratta l-istess eccezzjoni bhal li kieku moghtija *ai*

*termini* ta’ dan l-ahhar imsemmi artikolu, illi jiddisponi hekk:

**818.** (1) Iz-zmien li fih tista’ ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta’ tliet xhur, u jibda jghodd -

(a) fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (k) ta’ l-atikolu 811, mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq, jew jinsab id-dokument;

(b) fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza;

(c) fil-kazijiet imsemmija fil-paragrafu (j), jekk il-falsità tkun, fuq talba jew kwerela ta’ l-istess attur, giet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-gurnata ta’ dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun giet iddikjarata wara dik is-sentenza, izda fuq talba jew kwerela ta’ haddiehor, jew jekk tkun giet iddikjarata qabel, mill-gurnata li l-attur ikun gie jaf b’dik id-dikjarazzjoni;

(d) f’kull kaz iehor, minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata.

(2) Ma tista’ tintalab f’ebda kaz ritrattazzjoni wara li jghaddu hames snin minn meta tkun inghatat l-ewwel sentenza.

Fir-rikors promotur ta’ din il-procedura r-rikorrenti tghid bl-aktar mod kategoriku illi, a bazi tat-talbiet relativi taghha, hija qed tinvoka l-paragrafu (l) ta’ l-artikolu 811 tal-Kap. 12. Ghalhekk, ghall-kaz odjern japplika l-provvediment ta’ l-artikolu 818(1)(d) ta’ l-istess Kap.12 u, *ai termini* tieghu, l-azzjoni odjerna riedet tigi intavolata mhux izjed tard minn tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza attakkata. Din l-ahhar imsemmija sentenza giet pronunzjata fis-sitta (6) ta’ Mejju, 2003 u, konsegwentement, ir-rikors odjern ma setghax jigi intavolat aktar tard mis-sitta (6) ta’ Awissu, 2003. Fil-fatt, jirrizulta illi dan ir-rikors gie intavolat fil-hdax (11) ta’ Awissu, 2003, jigifieri hamest (5) ijiem wara illi skada t-terminu kontemplat mic-citat artikolu 818(1)(d) tal-Kap. 12;

Ghal dawn il-motivi:

Tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tas-socjetà ritrattata billi tiddikjara l-azzjoni odjerna irrita u nulla u,

konsegwentement, tastjeni milli tiehu konjizjoni ulterjuri ta' l-istess azzjoni;

Tordna illi l-ispejjez jigu sopportati kollha mir-ritrattandi Angela Simmonds.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------